

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### **Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-14/14)**

(2014/C 175/76)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

#### **Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: A. Carrozzini, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### **Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tal-irkupru ta' diversi ammonti mnaqqa mill-allowance ta' invalidità tar-rikorrenti għax-xhur ta' April sa Settembru 2013.

#### **Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjonijiet, inklużi fir-rendikont tal-pensjoni għax-xhur ta' April sa Settembru 2013, dwar it-tnaqqis tal-allowance ta' invalidità li kelleu dritt għaliha r-rikorrent matul l-imsemmija xhur ta' EUR 504,67 għax-xahar ta' April, ta' EUR 504,72 għax-xahar ta' Mejju u ta' EUR 508,38 għax-xhur ta' Ġunju sa Settembru;
- sa fejn huwa neċċessarju, tannulla d-deċiżjonijiet, irrispettivament mill-forom tagħhom, li jiċħdu l-ilmenti tas-16 ta' Lulju 2013 u tas-7 ta' Ottubru 2013, ippreżentati kontra d-deċiżjonijiet iċċitat;
- tannulla kull deċiżjoni inkluża fl-ittra tal-24 ta' Ottubru 2013, li tinkludi r-referenza “Ref. Ares(2013)3327388 – 24/10/2013” fin-naħħa ta' fuq tal-lemin tal-ewwel paġna;
- tannulla kull deċiżjoni inkluża fl-ittra tas-17 ta' Mejju 2013;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lir-rikorrent is-somom segwenti: (1) EUR 504,67, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Mejju 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas; (2) EUR 504,72, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Ġunju 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas; (3) EUR 508,38, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Lulju 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas; (4) EUR 508,38, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Awwissu 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas; (5) EUR 508,38, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Settembru 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas; (6) EUR 508,38, flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali, dekorribbli mill-1 ta' Ottubru 2013 u sal-jum li fih is-somma effettivament titħallas;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

---

### **Rikors ippreżentat fl-24 ta' Frar 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-16/14)**

(2014/C 175/77)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

#### **Partijiet**

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

## Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda fir-rigward tal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

## Talbiet tar-rikorrenti

- jiddikjara l-illegalità tal-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
  - jannulla d-deċiżjoni tal-24 ta' Mejju 2013 li d-drittijiet għall-pensjoni li r-rikorrent kiseb qabel id-dħul fis-servizz tiegħu jiġu akkreditati, fil-kuntest tat-trasferiment ta' dawn id-drittijiet fl-iskema tal-pensjoni tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikoli 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;
  - jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 

## Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2014 – ZZ vs KESE

(Kawża F-20/14)

(2014/C 175/78)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

## Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: N. Nikolajsen, avukat)

Konvenuta: Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew

## Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni tal-KESE li tħichad it-talba tar-rikorrenti sabiex tibbenfika minn irtirar antiċipat mingħajr tnaqqis tad-drittijiet għall-pensjoni tagħha, skont l-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

## Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tal-KESE li tħichad lir-rikorrenti, għas-sena 2013, il-benefiċċju mogħti mill-Artikolu 9(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal fil-verżjoni tagħhom applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2013;
  - tikkundanna lill-KESE għall-ispejjeż.
- 

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2014 – ZZ vs UASI

(Kawża F-24/14)

(2014/C 175/79)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

## Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annnullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-karriera tar-rikorrent li jkɔpri l-perijodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Diċembru 2012 u talba għad-danni.